**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv**
**Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**
**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003**

**Ir-Raba' Sena** **MALTI (Qari)** **Ħin: 15-il minuta**

Isem: ______________________________ Klassi: ___________

**A Agħżel IVA jew LE. Poġġi X fil-kaxxa.**

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-kennies inaddaf it-toroq. | X | |
| 2. | Ix-xemx issaħħan. | | |
| 3. | Nixtri l-ħut mill-knisja. | | |
| 4. | Fis-sena hemm tnax-il xahar. | | |
| 5. | Fir-riħ ma jinxfux il-ħwejjeġ. | | |
| 6. | Il-kelb jinħaq. | | |
| 7. | Niktbu bil-lapes. | | |

(3 marki)

**B. Agħmel sing taħt it-tajba.**

1. Jiena (norqod, nistad, nikteb, nonfoħ) bix-xlief u l-qasba.
2. Tgħidx kemm (ħadem, ħarbat, ħareġ, ħarab) biex lesta fil-ħin.
3. Wara t-(traba, tafal, talba, tromba) qbadna nieklu.
4. Ftaħt il-bieb biċ-(ċurkett, ċavetta, ċerva, ċoqqa).
5. Mort il-belt bil-(kaboċċa, kartuna, kappella, karozza) tal-linja.
6. Fix-(xahar, xagħar, xgħir, xagħra) ta' Ottubru ngħidu r-rużarju.

(3 marki)

**Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | kuċċarina | mgħarfa | furketta | sikkina | lapes |
| 2. | kaboċċi | pastard | fniek | basal | ġdur |
| 3. | karozza | mutur | trakk | mejda | xarabank |
| 4. | larinġa | tuffieħa | gomma | banana | lanġasa |
| 5. | ħabib | omm | zija | nanna | kuġin |
| 6. | sptar | lukanda | kastell | ġnien | skola |

(3 marki)

**D. Qabbel kolonna A ma' kolonna B . Poġġi numri fil-kaxex.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| **1** | barmil | | għasfur |
| **2** | borma | | ħwejjeġ |
| **3** | gaġġa | | statwa |
| **4** | niċċa | **1** | ilma |
| **5** | gwardarobba | | flus |
| **6** | kikkra | | brodu |
| **7** | karus | | kafe` |

(3 marki)

**E. Sib il-kelma li taqbel ma' l-istampa. Iktibha fil-vojt ta' ħdejha.**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| arloġġ | knisja | važun | bejta | dentist | żiemel | weraq |



**bejta**
____________

____________





____________

____________





____________

____________





____________

(3 marki)

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA**

**2003**

---

IR-RABA' SENA MALTI (Kitba) Ħin : Siegħa

---



Isem ____________________________

Skola ____________________________

Klassi ____________________________

Total tal-Marki

# Storja



**Aqra sewwa l-istorja t'hawn taħt.**
**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk biex issib it-tweġibiet.**

## Iċ-Ċurkett tad-Deheb

Marija u Tanja kienu ħbieb tal-qalb. Kienu joqogħdu ħdejn xulxin u spiss kienu dejjem joħorġu flimkien.

**(Paragrafu 1)**

Darba ddeċidew li jmorru sal-Belt. F'xi l-għaxra ta' fil-għodu ltaqgħu ħdejn Bieb il-Belt. Kien hemm nies, bejjiegħa, karozzi, karozzini u affarijiet oħra.

**(Paragrafu 2)**

Huma u deħlin il-Belt raw ħafna ħwienet ta' kull tip: ħwienet tal-ħwejjeġ, taż-żraben, tal-ġugarelli u ta' l-ikel. Marija u Tanja ġġennu wara ħanut li jbigħ id-deheb. Kemm kellu kullani, ċpiepet, imsielet u ċrieket! Il-prezzijiet tagħhom kienu għoljin wisq.

**(Paragrafu 3)**

Marija kellha qalbha sewda. Xtaqet kieku tixtri ċurkett tad-deheb sabiħ lil ommha f'għeluq sninha. Għalkemm kienet ilha ġġemma' ma kellhiex biżżejjed flus. Tanja staqsietha x'kien ġralha. Xtaqet tgħinha. Imma kif?

**(Paragrafu 4)**

F'kemm trodd salib lil Tanja ġietha idea sabiħa. Daħlet tkellem lil sid il-ħanut u dan meta sema' l-istorja kollha intebaħ bil-qalb tajba ta' Marija. Ried jgħinha u jferraħha!

**(Paragrafu 5)**

M'għandniex xi ngħidu, omm Marija ferħet wisq bir-rigal li qalgħet f'għeluq sninha.

**(Paragrafu 6)**

## A. Wieġeb il-mistoqsijiet b'*sentenzi sħaħ.*

1. Min kienu Marija u Tanja? *(Paragrafu 1)*

___

2. Fejn iddeċidew li jmorru? *(Paragrafu 2)*

___

3. X'kien hemm ħdejn Bieb il-Belt? *(Paragrafu 2)*

___

4. X'tip ta' ħwienet kien hemm fil-Belt? *(Paragrafu 3)*

___

5. Liema ħanut għoġobhom l-aktar? Għaliex? *(Paragrafu 3)*

___

6. Għaliex Marija kellha qalbha sewda? *(Paragrafu 4)*

___

7. X'taħseb li qalet Tanja lil sid il-ħanut? *(Paragrafu 5)*

___

8. X'kien ir-rigal li qalgħet omm Marija f'għeluq sninha? *(Paragrafu 6)*

___

9. **Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba :**

(a) Il-ħbieb riedu jmorru sal-(Baħrija,Belt, Birgu, Buskett).

(b) Marija xtaqet tixtri (ġiżirana, imsielet, ċurkett, ċappetta) tad-deheb għal ommha.

(ċ) Tanja kellha qalbha (xierfa, tajba, sewda, ħelwa).



10. **Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma jew frażi mil-lista ta' taħt :**

a) ħbieb tal-qalb ___

b) qalbha sewda ___

ċ) f'kemm trodd salib ___

**malajr, imdejqa, ħbieb ħafna.**

(14-il marka)

## B. Imla l-vojt fl-istorja. Sib il-kelma mil-lista t'hawn taħt.

**ġojjelli - inġibdu - ġirien - induna - faddlitx - għoljin**

Marija u Tanja kienu ____________**(joqogħdu qrib xulxin)**. Meta marru l-Belt _____________ **(iġġennu)** wara ħanut tad-deheb. Dawk il-_____________ **(l-oġġetti tad-deheb)** kienu ____________ **(jiswew wisq)**. Marija ma _____________ **(żammitx flus fil-karus)** wisq. Tanja kellmet lil sid il-ħanut. Dan malajr ____________ **(intebaħ)** bil-qalb tajba ta' Marija.

(6 marki)

## Ċ. Daħħal kelma li tista' toħroġ minn dik b'sing taħtha :

**EŻEMPJU** : Marru **mawra** sal-belt.

1. Riedu **joħorġu** ___________ sal-Belt.
2. Xtaqu **jixtru** ____________ deheb.
3. It-tfal **daru** ____________ mal-ħwienet.
4. **Imxew** ____________ flimkien.
5. **Raw** __________ sabiħa ta' ċrieket tad-deheb.



(5 marki)

## D. Qabbel il-pari bil-maskil jew bil-femminil.

**Eżempji :** It-tifel u t-**tifla** marru sal-Belt. **Raġel** u mara rawhom.

1. Fil-Belt il-**ħabiba** tiegħi rat lill-____________ tagħha.
2. **Il-kuġin** u l-____________ għandhom qalbhom sewda.
3. **Omm** u _____________ Pawlu xtraw żraben ġodda.
4. Fir-razzett rajt **żiemel** u ____________.
5. ___________ u **ħija** xtraw ġiżirana tad-deheb.

(5 marki)

## E. Aqleb il-kelma fil-parentesi <u>għas-singular.</u>

**<u>Eżempju</u> : <u>(Il-bniet)</u>** <u>It-tifla</u> sabet ċurkett tad-deheb.



1. Fil-**(ħwienet)** ____________ hemm ħafna nies.
2. Fit-**(toroq)** __________ ġew folol kbar.
3. **(Irġiel)** __________ biss kien hawn.
4. Dik il-mara kellha l-**(qsari)** ____________fil-karozza.
5. Tlift **(imsielet)** _____________tad-deheb.

(5 marki)

## F. Ikteb kliem flok <u>numri</u>.

**<u>Eżempju</u> :** Rajt **( 20 ) <u>għoxrin</u>** ċurkett fil-vetrina.

1. Mario ġab ( 2 ) ______________ lapsijiet fil-but.
2. Ġejt ir-( 4 ) ____________ wieħed fl-eżami.
3. Kien hemm ( 19 ) ______________ żibġa fil-kexxun.
4. Oħti għandha ( 27 ) ________________________ sena.
5. Niltaqgħu fid-( 9 ) ____________ ta' filgħodu.

(5 marki)

## Ġ. Imla l-vojt bin-*<u>Nomi Kollettivi</u>*

**<u>Eżempju</u> :** Xtrajna **bukkett** fjuri għan-nanna.

1. Kien hemm _____________ ċwievet fuq il-mejda.
2. Dik il-fenka kellha ______________ żrameġ.
3. ___________ nies inġabret fil-pjazza tar-raħal.
4. F'nofs it-triq ħallew ____________ ġebel.
5. _____________ mogħoż għaddiet minn taħt il-pont.

(5 marki)

## G. Ikteb fin-*__negattiv.__*

__Eżempju__ **:** Iz-ziju mar il-Belt. Iz-ziju __**ma marx**__ il-Belt.

1. Marija __**xtrat**__ rigal sabiħ. Marija _______________ rigal sabiħ.
2. Tanja __**ħarġet**__ m'oħtha. Tanja _________________ m'oħtha.
3. It-tfal __**xtaqu**__ jgħinu. It-tfal __________________ jgħinu.
4. __**Kienet**__ imdejjqa. __________________imdejjqa.
5. __**Ilagħbu**__ bil-ġugarelli. __________________ bil-ġugarelli.

(5 marki)

## GĦ. Mill-Għerq oħroġ il-Verb fil-Passat.

**Eżempju: Hija __ħarġet__ (ħ-r-ġ) barra.**



1. Dik __________ **(s-r-q)** iċ-ċurkett.
2. Aħna __________ **(d-ħ-l)** l-Belt nixtru.
3. It-tfal __________ **(q-b-d)** l-karozza tal-linja.
4. Jiena __________ (**f-r-ħ)** bir-rigal.
5. Intom __________ (**l-b-s**) l-uniformi.

(5 marki)

## H. Ikteb mistoqsija sħiħa ħdejn dawn it-tweġibiet.

**__Eżempju__:** Pawlu ġie. **__Min ġie ħdejk?__**

1. Meta mmur il-Belt. ____________________________________
2. Ħabibi sabhom. ______________________________________
3. Kull filgħaxija. ______________________________________
4. Għax waqajt. ________________________________________
5. Fil-karus poġġejthom. _________________________________

(10 marki)

## Ħ. Komponiment - Ikteb 10 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:

a) Jiena sirt siġra. Ħalluni ngħid l-istorja tiegħi.

b) Fil-vjaġġ lejn il-qamar.

ċ) Il-pulizija għalqu t-triq.

d) Ħriġna bid-dgħajsa.

**Jew** e) Meħlus mill-għarqa. (Storja mill-istampi)

(20 marka)

---

